Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 23 ta' Marzu,2001

Avviz Nru: 2322/98

Esther Camilleri Brennan

Vs

Josephine Said

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija sitta u ghoxrin lira Maltija sebgha u sittin centezmu (Lm426.67) arretrati ta' differenza ta' kera fuq il-fond 160, St. Helen Street, Sliema, skond id-decizjoni fl-istess ismijiet deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-25 ta' Novembru 1994, Rikors Nru, 75A/93, u dana skond prospett li qed jigi ezebit bhala Dok. A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-22 ta' Mejju 1995, u ta' l-ittra ufficjali ta' Novembru, 1996.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 1999 fejn il-konvenuta dehret fl-Awla u kkontestat it-talba u kienet iddikjarat li ser tipprezenta l-eccezzjonijiet formali fi zmien tmint ijiem.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu 2000 fejn il-kawza kienet gie differita ghall-provi kollha tal-attrici ghas-seduta tat-28 ta' Gunju 2000.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta'   Gunju 2000 l-attrici ma dehritx u ma pproducietx provi u l-kawza marret sine die.

Rat illi fis-seduta tal-lum dehret biss il-konvenuta li talbet li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li la l-attrici u lanqas id-difensur taghha

ma dehru.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 199 tal-Kap 12 qed tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg